MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 1917/2005

**Dr. Francis Bonello ID 705741(M)**

**Vs**

**Paul Vella**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-2 ta' Dicembru, 2005 li permezz tieghu talab lit-Tribunal sabiex jordna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' tlett mija u disa u tmenin Liri Maltin u tlieta u erbghin centezmi (Lm389.43), liema somma l-attur kien hallas lill-konvenut ghal xoghol li l-konvenut suppost kien ghamel fuq il-karozza tal-attur tip Peugot EBA 893 specifikament fuq is-sistema tal-"air conditioning", liema xoghol ma sarx sew mill-konvenut peress illi l-hsara ma gietx imsewwija u dana wara li l-konvenut kien ta' garanzija lill-attur li l-hsara

kollha kienet giet msewwija. Bl-interessi dovuti u bl-ispejjes.

Ra r-Risposta tal-konvenut illi permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur stante illi ma tezisti l-ebda relazzjoni giuridika bejn il-partijiet u ghaldaqstant il-konvenut mhuwiex il-legittimu kontradittur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda u d-dokumenti kollha prodotti;

Ra illi l-kawza thalliet ghall-provi tal-konvenut ghat-3 ta' Lulju 2006;

Ra illi fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2006 la l-konvenut u lanqas id-difensuri tieghu ma dehru u l-kawza thalliet ghall-ahhar darba ghall-provi tal-konvenut ghall-11 ta' Ottubru 2006;

Ra illi fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2006, it-Tribunal gie mgharraf illi l-konvenut ma setghax jattendi peress illi kien wegga` u t-Tribunal halla l-kawza ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-konvenut ghas-27 ta' Novembru 2006, bl-intendiment car illi wara dik is-seduta, l-kawza tithalla ghas-sentenza;

Ra illi fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2006, il-konvenut gie msejjah tlett darbiet u ma deherx, u allura in vista tal-verbal tal-11 ta' Ottubru 2006, il-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni;

Ikkunsidra :

Illi minkejja r-risposta tal-konvenut, din mhix sostanzjata u l-versjoni ta' l-attur mhix kontradetta, hekk kif ma hemm ebda kontestazzjoni ghad-dokumenti esebiti mill-attur;

Ghaldaqstant, in vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u fin-nuqqas ta' provi prodotti mill-konvenut, it-Tribunal, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-

konvenut u jilqa` t-talbiet attrici bl-imghax u bl-ispejjes kif mitluba kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------